MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 19/2002/1

**Anne Miller f'isimha proprju u b'digriet tas-16 ta' Marzu 2005 giet nominata bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Ben Alexander Genovese, u fit-28 ta' Novembru 2002 Dr Kevin Dingli assuma l-atti f'isem l-attrici**

**v.**

**L-Avukat Generali, il-Prim Ministru, il-Ministru ta' l-Intern, id-Direttur tac-Cittadinanza u tal-"Expatriates", il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**

## Il-Qorti:

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza Kostituzzjonali u "Konvenzjonali" taghha, fil-25 ta' Jannar 2006. Permezz ta' l-imsemmija sentenza, dik il-Qorti iddikjarat, *inter alia*, li l-Artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 188 tal-Ligijiet ta' Malta qed jiddiskrimina fuq il-bazi ta' sess u li ghalhekk hu in vjolazzjoni tal-Artikolu 45(1) u (3) tal-Kostituzzjoni u li din id-disposizzjoni qeghda tiddiskrimina konsegwenzjalment kontra Ben Alexander Genovese milli jibbenefika mid-dritt ghal cittadinanza Maltija.

**2.** Il-fatti ta' dan il-kaz huma cari u f'certu sens u limitatament ghall-finijiet tas-sentenza odjerna – ghax, kif ser naraw, ser ikun hemm bzonn li l-atti jigu rinvjati quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni dwar aspetti li dik il-Qorti ma dahlitx fihom – wiehed jista' jghid li ma hemmx kontestazzjoni dwar dawn il-fatti.

**3.** Anne Miller hija omm Ben Alexander Genovese. Ben twieled fl-Iskozja fit-2 ta' April 1996[1] minn relazzjoni extra-konjugali li l-imsemmija Anne kellha ma' certu Joseph Genovese. Missier Ben jidher li qatt ma ried jirrikonoxxi lil ibnu, qatt ma wera ebda interess fih (a differenza ta' membri tal-familja tieghu, cioe` membri tal-familja ta' l-istess Joseph Genovese, li wrew li jridu jzommu kuntatt kemm mat-tifel kif ukoll ma' ommu[2]), u anqas kien propens li jmantnih. Infatti l-omm kellha tagixxi gudizjarjament kontra l-imsemmi Joseph Genovese fil-Prim Awla tal-Qorti Civili kemm biex Joseph Genovese jigi dikjarat, kif effettivament gie dikjarat, li hu missier Ben, kif

[1] Ara certifikat tat-twelid, mahrug mill-awtoritajiet kompetenti Skoccizi, a fol. 43.
[2] Ara l-affidavit ta' Anne Miller, fol. 96 u 97.

ukoll ghall-manteniment[3]. Anqas ma hu kontestat li Joseph Genovese huwa cittadin Malti.

**4.** Anne Miller riedet li t-tifel taghha jakkwista c-cittadinanza Maltija, izda sabet ostakolu legali. Hu huwa proprju dan l-ostakolu li hija qed tipprova teghleb b'dawn il-proceduri kostituzzjonali. Jidher li din ic-cittadinanza ghal binha hija riditha – u, presumibbilment ghadha tridha – minhabba ragunijiet ekonomici konnessi mal-edukazzjoni (eventwali) terzjarja ta' binha. In fatti, fl-affidavit taghha aktar 'l fuq imsemmi, hija tghid espressament hekk[4]:

**"My greatest concern from a financial point, is for Ben Alexander's education.**

**"I will be 60 years old by the time Ben will be going to university. There are no grants in Scotland (only student loans) for university education.**

**"Ben is a highly intelligent wee boy. It worries me greatly (even should I be fortunate enough to have the health to work until that age) that I will not be able to provide for him. His education is of the utmost importance. He should not be denied any opportunity.**

**"All of the children in my family have had the benefit of a private education at secondary level, before university. It would be wonderful for Ben to have this too. Should it not be possible, he must at the very least be able to have a university education that does not have him starting out in life in debt due to a student loan."**

**5.** L-ostakolu legali jikkonsisti filli, ghalkemm l-Artikolu 5(2)(b) tal-Kap. 188 – L-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija – jipprovdi illi *"Min jitwieled barra minn Malta fi jew wara [l-21 ta' Settembru 1964] jitqies li jkun sar jew isir cittadin ta'*

---

[3] Ara s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Frar 2003 fl-ismijiet ***Avukat Dottor Kevin F. Dingli noe v. Joseph Genovese***, sentenza moghtija fil-kontumanja tal-konvenut – fol. 75 *et seq.*
[4] Fol. 98, 99.

*Malta fil-gurnata tat-twelid tieghu…fil-kaz ta' persuna mwielda fi jew wara l-1 ta' Awissu 1989, jekk fil-gurnata tat-twelid ta' dik il-persuna, missierha jkun jew ommha tkun cittadin ta' Malta…"*, l-Artikolu 17(1)(a) tal-istess Kapitolu jkompli jipprovdi hekk: *"F'dan l-Att…kull referenza ghall-missier ta' persuna ghandha, dwar persuna mwielda barra miz-zwieg u mhux legittima, tiftiehem bhala referenza ghall-omm ta' dik il-persuna."* Fil-kaz *de quo*, ghalhekk, galadarba Ben twieled barra miz-zwieg u hu meqjus, ghall-finijiet tal-imsemmi Att, bhala illegittimu, l-ahhar parti tal-Artikolu 5(2)(b) tigi taqra: *"…fil-kaz ta' persuna mwielda fi jew wara l-1 ta' Awissu 1989, jekk fil-gurnata tat-twelid ta' dik il-persuna* ***ommha tkun cittadin ta' Malta****…"*. Anne Miller mhix cittadin ta' Malta, izda cittadin tar-Renju Unit[5].

**6.** Ir-rikors promotorju, fil-partijiet relevanti, jkompli hekk:

**"8. Illi fil-fatt persuna mwielda l-istess data b'genituri ta' nazzjonalita` identika ghal dik tal-genituri ta' Ben Genovese pero` legittima tikkwalifika bi dritt ghac-cittadinanza Maltija waqt [li] l-istess cirkostanzi identici ghal Ben Genovese ma japplikawx unikament ghaliex huwa tifel illegittimu.**

…

**"10. Illi minn dan jirrizulta car illi l-ligi tiddiskrimina bejn tfal imwielda goz-zwieg minn tfal fic-cirkostanzi identici li twieldu barra miz-zwieg.**

**"11. Illi dan l-istat ta' fatt huwa leziv tad-Drittijiet Fondamentali u Kostituzzjonali tal-esponenti, u cioe` tal-Artkoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll tad-drittijiet protetti mill-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem liema Konvenzjoni u Protokoll jifformaw parti mill-Ligijiet ta' Malta abbazi tal-Att XIV tal-1987.**

[5] Fol. 18.

**“Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti kull rimedju li jidrilha xieraq biex jitwettqu d-drittijiet fundamentali fuq imsemmija fosthom li tiddikjara nulli u bla effett l-imsemmija [**recte: imsemmi**] Artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 188 tal-Ligijiet ta’ Malta u ta’ kull disposizzjoni ohra li tiddiskrimina kontra r-rikorrenti minorenni milli jibbenefika mid-dritt ghal cittadinanza Maltija sancit fl-Artikolu 5(2)(b) ta’ l-istess Att.”**

**Is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti**

**7.** Ghandu jigi precizat, qabel xejn, li ghalkemm fir-rikors promotorju tintuza xi mindaqqiet il-kelma “rikorrenti” apparentement fil-plural, u ghalkemm ir-rikors gie intavolat minn Anne Miller ukoll f’“isimha proprju”, hu evidenti li huma d-drittijiet tat-tifel Ben li qed jigi allegat li gew, qed jigu jew x’aktarx ser jigu miksura minhabba d-diskriminazzjoni allegata. Anne Miller la qed titlob u anqas qed tippretendi cittadinanza Maltija. Dan jirrizulta wkoll b’mod car minn dak li jinghad fin-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti tal-15 ta’ Gunju 2004:

**“Illi l-esponenti fid-dawl ta’ dawn il-fatti, u bhala omm responsabbli, tixtieq illi tizgura l-akkwist ta’ Cittadinanza Maltija a favur it-tifel minuri taghha Ben Alexander Genovese, illi ghandu bhala l-missier naturali tieghu persuna ta’ cittadinanza Maltija, billi l-istess tifel huwa genetikament nofsu Malti; kif ukoll sabiex b’hekk id-drittijiet u l-interessi kollha tieghu, sew presenti kif ukoll futuri, jkunu salvagwardati, inkluzi id-drittijiet ghar-rispett tal-familja u ghar-rispett ghall-hajja privata.”** [6]

**8.** Fis-sentenza taghha tal-25 ta’ Jannar 2006 l-ewwel Qorti bdiet biex laqghet l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Onor. Prim Ministru, mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju “bl-ispejjez kollha kontra r-

[6] Ara fol. 107 tal-atti.

rikorrenti”. Minn din il-parti tad-decizjoni ma hemmx appell.

**9.** Ghaddiet imbaghad biex tiddikjara li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma kien jiccentra xejn f’din il-kwistjoni, u dan peress li dana l-artikolu ma jissemmiex fl-Artikolu 46(1) tal-istess Kostituzzjoni; ghalhekk cahdet it-talba tar-rikorrent in kwantu kien qed jigi allegat li kien hemm ksur ta’ l-imsemmi Artikolu 32 – u ziedet tghid, korrettement, li r-rikorrenti stess ma kienitx qed tinsisti dwar dana l-artikolu[7]. Anke dwar dan il-punt ma hemmx appell.

**10.** Kif diga` inghad aktar ‘l fuq f’dan il-gudikat, l-ewwel Qorti ddikjarat li l-Artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 188 kien in vjolazzjoni tal-Artikolu 45(1) u (3) tal-Kostituzzjoni. Id-*decide* dwar dan l-aspett jaqra testwalment hekk:

“Tiddikjara li l-artikolu 17 (1) (a) tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta’ Malta qedgha tiddiskrimina fuq il-bazi ta’ sess, u li ghalhekk qedgha in vjolazzjoni tal-Artikolu 45 (1) u (3) tal-Kostituzzjoni, u li din qedgha tiddiskrimina konsegwenzjalment kontra Ben Alexander Genovese milli jibbenefika mid-dritt ghall-cittadinanza Maltija.

“Spejjez kontra l-konvenuti l-Avukat Generali, il-Ministru ta’ l-Intern, id-Direttur tac-Cittadinanza u tal-‘Expatriates’.

“Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati.”

**11.** Biex waslet ghal din il-konkluzjoni taghha, l-ewwel Qorti qalet hekk:

“L-intimati eccepew li l-artikolu 45 mhux applikabbli ghaliex isemmi l-istess sitt bazi msemmija fl-artikolu 32(3)(a) u cioe` razza, post ta’ origini, fehmiet politici, kulur, twemmin jew sess, u imkien ma jsemmi twelid u jirreferu ghal pagna 11 tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Mario Buttigieg pro et noe vs**

[7] Effettivament fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-15 ta’ Gunju 2004 insibu hekk (fol. 113): “Ghaldaqstant l-esponenti ma hijiex sejra tkompli ssostni vjolazzjoni tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.”

**Avukat Generali** tas-17 ta' Jannar 1997 pagna 11. Hawnhekk il-Qorti tinnota li huwa veru li t-twelid mhux imsemmi izda hu inkluz is-sess.

“Huwa ovvju li l-legislatur ried jipprotegi lill-individwu kemm mid-diskriminazzjoni permezz tal-ligi [art 45 (1)] kif ukoll minn trattament diskriminatorju [art 45 (2)]. Fl-artikolu 45 (1) insibu kategorikament indikat li EBDA LIGI ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja Izda fil-fatt l-artikolu 17 tal-Kap 188 jaghmel distinzjoni notevoli bejn persuni imwielda fiz-zwieg ghal dawk imwieldin barra miz-zwieg b'mod tant qawwi li f'certu kazijiet itellifhom id-dritt ghac-cittadinanza. Id-diskriminazzjoni hija qawwija kemm mir-rekwiziti kif ukoll mill-effetti. Izda d-diskriminazzjoni fl-artikolu 17 (1) (a) ma tieqafx biss fuq it-twelid u cittadinanza izda tkompli diskriminazzjoni ohra meta taghmel kull referenza ghall-MISSIER tiftiehem bhala referenza ghall-OMM ta' dik il-persuna. Din fil-fehma tal-Qorti tammonta ghal diskriminazzjoni ta' sess.”

*omissis*

“Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-intimati li l-fatt li l-omm biss tittrasmetti c-cittadinanza lil uliedha barra miz-zwieg ma jikkostitwix diskriminazzjoni kontra l-missier. Fil-fehma tal-Qorti din hija diskriminazzjni fuq is-sess. Interpretazzjoni differenti ghalkemm f'xi kazijiet fis-sentenzi tal-Qrati taghna giet accettata twassal certament ghal censura mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani.

Hi importanti wkoll li ssir referenza ghall-kaz ta' **Paul u Evelyn Stoner vs Onorevoli Prim Ministru** deciz fit-22 ta' Frar 1996 mill-Qorti Kostituzzjonali. Hemm gie rilevat dwar it-trattament differenti tal-mara u r-ragel proprju minhabba s-sess taghhom. Il-kaz huwa ftit differenti izda fl-istess hin juri car bhall-kazijiet internazzjonali l-ohra li l-interpretazzjoni tal-Qrati hija dejjem wahda li ma taccettax trattament differenti taht ebda forma dwar sess u naturalment ghall-konsegwenzi li tali interpretazzjoni tista' twassal.

“Wiehed irid jezamina l-problema sollevata mill-konvenuti li jsostnu li l-artikolu 45 mhux applikabbli ghall-kaz ghax jekk stess wiehed kellu jaccetta diskriminazzjoni f’dan l-artikolu mhux inkluz twelid. F’**Buttigieg vs Avukat Generali** deciza fis-17 ta’ Jannar 1997 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili sede Kostituzzjonali ntqal:
“...Illi ... is-sottomissjoni tal-intimati fil-konfront ta’ dan l-artikolu hija gustifikata. Infatti l-istess rikorrenti fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom ammettew li dan l-artikolu gie kkwotat bi zvista fir-rikors originali u talbu li din il-Qorti ma tikkunsidrahx bhala aggravju“

“Ukoll hemm dak li intqal f’ **Henely vs Prim Ministru et** deciza fil-15 ta’ Frar 2002 riferibbilment ghall-applikabilita` tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni kien intqal:

“... Ghall finijiet tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni id-diskriminazzjoni trid tkun dovuta specifikament ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fis-subartikolu 3...“

“Dan iwassal li l-konvenuti jsostnu li fil-kaz tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni l-kaz irid ikun imsemmi specifikament, u fil-kaz tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni dan irid ikun allaccjat ma’ artikolu iehor li jsemmi tali infrazzjoni.

“Izda l-Qorti kif imsemmi fuq ma taqbilx ma’ dan. In kwantu dak imsemmi fl-artikolu 45 hemm specifikament imsemmi s-sess. Issa wiehed jista’ joqghod jargumenta u jtawwal kemm irid u jghid li l-kawza mhux fuq hekk izda fuq twelid, jew izda fuq cittadinanza – izda l-fulkru tal-problema hu s-sess tal-MISSIER jew tal-OMM li jista’ jghaddi d-drittijiet bhala konsegwenza tas-sess tal-genitur malti. Inghad mill-konvenuti li dan hu bazat fuq esigenzi u fuq il-principju tal-***mater semper certa est*** izda fid-dinja tal-lum u bid-DNA Tests kif inhu l-kaz in ezami dan jista’ jigi stabbilit.

“Minhabba f’ekk mhux il-kaz li jigu ezaminati l-aspetti l-ohra sollevati ghax il-Qorti ssib li gie stabbilit li bl-artikolu 17 (1) (a) tal-Kap 188 qed ikun hemm vjolazzjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.”

**12.** Kif jidher mis-silta hawn fuq riprodotta, l-ewwel Qorti ma ppronunzjat ruhha b'ebda mod dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni.

**L-appell u r-risposta**

**13.** L-Avukat Generali, il-Ministru tal-Intern u d-Direttur tac-Cittadinanza u l-"Expatriates" appellaw minn din is-sentenza permezz ta' rikors datat 6 ta' Frar 2006. L-aggravju taghhom hu, bazikament, li l-ewwel Qorti ddecidiet hazin meta rriteniet li l-Artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 188 kien jivvjola l-Artikolu 45(1)(3) tal-Kostituzzjoni. Skond l-appellanti, id-diskriminazzjoni bbazata fuq l-istat ta' dak li jkun bhala legittimu jew illegittimu ma tinkwadrax f'wahda mis-sitt "grounds of discrimination" imsemmija fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk huma talbu lil din il-Qorti li thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn gie deciz li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 45(1) u (3) tal-Kostituzzjoni, u tikkonferma dik is-sentenza fil-bqija.

**14.** L-appellata, fir-risposta taghha ghar-rikors ta' appell talbet li din il-Qorti tikkonferma dik is-sentenza. Ziedet tghid l-appellata, evidentement ghax irrealizzat li l-ewwel Qorti, ghalkemm fis-sentenza taghha kienet ghaddiet xi kummenti dwar l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, kienet baqghet pero` ma ppronunzjat ruhha b'ebda mod dwar l-allegata vjolazzjoni tal-Artikoli 8 u 14 tal-imsemmija Konvenzjoni:

**"Ghaldaqstant a skans ta' kull ekwivoku, l-appellata pro et noe titlob ukoll ulterjorment u minghajr pregudizzju ghat-talba illi t-talbiet appellanti ghandhom jigu michuda, u dan, sabiex ma tigix pregudikata fi kwalunkwe rimedju ulterjuri illi *si et quatenus* jista' jkun applikabbli lilha, illi dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma illi l-Artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 188 tal-Ligijiet ta' Malta jmur ukoll kontra l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."**

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**15.** Kif inhu risaput, l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, ghalkemm it-tnejn jitkellmu dwar "diskriminazzjoni", ikopru terren differenti u ghandhom ukoll portata differenti. L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jipprojbixxi kull forma ta' diskriminazzjoni (u salv kif il-kelma "diskriminazzjoni" giet interpretata fil-gurisprudenza) kemm-il darba din id-diskriminazzjoni tkun "fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati" fil-Konvenzjoni. Ir-ragunijiet imsemmija f'dana l-Artikolu 14 – sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, **twelid jew status iehor** – huma biss esemplifikativi. L-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, invece, filwaqt li japplika ghal kull ligi [8] li tkun "fiha nnfisha jew fl-effett taghha" diskriminatorja (subartikolu (1)), u ghal kull trattament diskriminatorju minn kull funzjonarju pubbliku jew awtorita` pubblika (subartikolu (2)), jargina, permezz tas-subartikolu (3), din id-diskriminazzjoni ghal sitt ragunijiet specifici u cioe` razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess:

**"F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser ghoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess li minhabba fihom persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**16.** Wiehed ma jistax ihallat l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni mal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u specjalment mas-

[8] Salv l-eccezzjonijiet kontenuti fis-subartikoli fis-subartikoli (4) sa (11).

subartikolu (3) tieghu; u inoltre r-ragunijiet, sitta b'kollox, moghtija fis-subartikolu (3) huma ezawrienti [9].

**17.** Issa, hu evidenti f'dan il-kaz li l-bazi tad-diskriminazzjoni ossia trattament differenti ma hix is-sess tat-tifel Ben (wisq anqas, naturalment, ir-razza tieghu – Skocciz – il-post ta' origini, l-opinjonijiet politici ecc. tieghu), izda l-fatt ta' l-istat illegittimu tieghu. Fi kliem iehor, persuna fl-istat ta' Ben, anke jekk tkun tifla, hija wkoll koplita bl-inabilita` li takkwista c-cittadinanza Maltija. Dak li l-ligi effettivament qed tghid hu li, fil-kaz ta' wild illegittimu a differenza ta' wild legittimu, wiehed ghandu jinjora c-cittadinanza ta' missier it-tarbija u jhares biss lejn ic-cittadinanza ta' l-omm. Huwa veru, kif qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, li "fl-artikolu 45 hemm specifikatament imsemmi s-sess", izda din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-argument semplicistiku ta' dik il-Qorti fis-sens li allura, minhabba "s-sess tal-missier jew ta' l-omm", hemm diskriminazzjoni a bazi ta' sess fil-konfront ta' Ben. Is-subartikolu (3) tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jrid jinqara fit-totalita` tieghu u mhux bil-bicciet l'hawn u l'hinn: il-kliem "persuni differenti", "deskrizzjoni taghhom rispettiva", "persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn" u "persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn"[10] jindikaw kjarament li d-differenza fit-trattament trid tkun minhabba, fost ohrajn, is-sess tal-persuna li tkun qed tallega d-diskriminazzjoni u mhux minhabba xi kundizzjoni li tkun applikabbli ghal kull persuna f'dik id-deskrizzjoni ta' legittimu jew illegittimu. Il-kundizzjoni kontenuta fl-Artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 188 tapplika *across the board* ghal kull persuna irrispettivament mir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess ta' dik il-persuna. L-appell huwa ghalhekk ben fondat u jimmerita li jigi akkolt.

---

[9] Ara *passim* ***Michael Anthony Henley v. Il-Prim Ministru et*** Prim Awla 15 ta' Frar 2002.

[10] Dan jemergi forsi aktar car mit-test Ingliz: "In this section the expression "discriminatory" means affording different treatment to different persons attributable wholly or mainly to their respective descriptions by race, place of origin, political opinions, colour, creed or sex whereby persons of one such description are subjected to disabilities or restrictions to which persons of another such description are not made subject or are accorded privileges or advantages which are not accorded to persons of another such description." (sottolinear ta' din il-Qorti).

**18.** Din il-Qorti, pero`, ma tarax li ghandha tkun hi li tidhol f'dana l-istadju fil-kwistjoni ta' jekk hemmx vjolazzjoni ta' l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni. Biex ebda wahda mill-partijiet ma tigi pprivata mill-beneficcju tad-doppju ezami, tali indagini ghandha ssir fl-ewwel lok mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

**Decide**

**19.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, tal-Ministru ta' l-Intern u tad-Direttur tac-Cittadinanza u l-"Expatriates" billi thassar u tirrevokaha dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha l-ewwel Qorti ddikjarat li l-Artikolu 17(1)(a) tal-Kap. 188 hu in vjolazzjoni tal-Artikolu 45(1) u (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u li qed jiddiskrimina "konsegwenzjalment kontra Ben Alexander Genovese milli jibbenefika mid-dritt ghal cittadinanza Maltija", kif ukoll in kwantu ordnat li l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jithallsu mill-appellanti odjerni, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan pero` li peress illi l-ewwel Qorti astjeniet milli tikkunsidra l-lanjanza tar-rikorrenti appellati taht l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi lil dik il-Qorti sabiex din tippronunzja ruhha fir-rigward ta' dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-imsemmija Konvenzjoni. L-ispejjez tal-ewwel istanza (hlief dawk tal-intimati li gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, liema spejjez ghandhom jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti) jibqghu riservati ghall-gudizzju finali; l-ispejjez, izda, konnessi ma' dana l-appell ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrenti appellati. U peress li l-ewwel Qorti kienet ordnat li kopja tas-sentenza taghha tigi komunikata lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati skond ma jipprovdi l-Artikolu 242 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li bl-odjerna sentenza qed tigi riformata s-sentenza tal-Prim Awla, din il-Qorti wkoll tordna li kopja tas-sentenza tal-lum tigi komunikata lill-iSpeaker mir-Registratur, Qrati u Tribunali Civili.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------